# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-impatt tal-kriżi dinjija fuq is-setturi ewlenin Ewropej tal-manifattura u tas-servizzi" (opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2009/C 318/09)

Relatur: **Is-Sur PEZZINI**

Korelatur: **Is-Sur GIBELLIERI**

Nhar it-26 ta' Frar 2009, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar:

*"L-impatt tal-kriżi dinjija fuq is-setturi ewlenin Ewropej tal-manifattura u tas-servizzi.0148"*

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI), inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-10 ta' Settembru 2009. Ir-relatur kien is-Sur PEZZINI u l-korelatur kien is-Sur GIBELLIERI.

Matul l-456 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-30 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2009 (seduta tal-1 ta' Ottubru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'156 voti favur u 2 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE huwa konvint li l-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja attwali fuq is-setturi l-prinċipali tal-manifattura u tas-servizzi tal-UE huma tali li l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri jkollhom jikkunsidraw mill-ġdid is-sitwazzjoni, kif ukoll sabiex ikun hemm koordinament aħjar tal-politiki u tal-mekkaniżmi komunitarji. Dan sabiex tinbena mill-ġdid il-klassifika tal-valuri li fl-ewwel post tpoġġi l-ekonomija reali, l-esiġenzi tal-intrapriżi u dawk tal-ħaddiema u taċ-ċittadini.

1.2 Il-KESE qed jitlob bil-qawwa li t-Trattat ta' Lisbona jkun ratifikat, sabiex ikun żgurat li l-istrutturi tal-UE jkunu f'pożizzjoni li jirrispondu għall-ħtieġa li l-kontinent tagħna jkun żviluppat mill-ġdid b'mod kompetittiv, sostenibbli u miftuħ permezz ta':

— miżuri sabiex tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-ażjendi u l-ħaddiema;

— politiki komuni u aktar koordinati;

— proċessi għat-teħid tad-deċiżjonijiet li huma aktar effiċjenti;

— liġijiet aktar sempliċi u trasparenti.

1.3 Il-KESE huwa konvint li jekk ikun hemm it-tiġdid tal-proġett Ewropew fl-ispirtu li nissel Jean Monnet waqt it-tnedija u l-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Pariġi u li wassal għall-KEFA, ser ikun possibbli li jinbnew mill-ġdid il-pedamenti għar-rilanċ tal-ekonomija Europea. Fil-fatt, it-Trattati fis-seħħ urew li għandhom limitazzjonijiet kbar sabiex jiffaċċjaw il-kriżi u l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali li ġabet magħha.

1.4 Il-prinċipju tas-sussidjarjetà irid ikun definit mill-ġdid fl-istess dimensjoni oriġinali. Id-deċiżjonijiet u r-responsabilitajiet għandhom jittieħdu fuq il-livelli li huma l-aktar effettivi għaċ-ċittadini Ewropej. Quddiem dawn il-problemi dinjija, il-politiki u l-mekkaniżmi ma jistgħux ma jkunux stabbiliti jekk mhux fuq livell Ewropew u dinji.

1.5 Il-KESE huwa konvint li l-gvernijiet tal-Istati Membri u l-Kunsill tal-UE, iridu jagħmlu dak kollu meħtieġ sabiex terġa' titrawwem mill-ġdid il-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett ta' Ewropa aktar b'saħħitha, li jkollha l-mekkaniżmi meħtieġa u li jkunu aċċettati minn kulħadd, kif ukoll sabiex tiffaċċja l-kriżi globali attwali u dawk tal-futur.

1.5.1 Il-KESE huwa konxju li f'dan il-mument ta' kriżi, numru ta' pajjiżi li kienu l-pijunieri tal-Komunità Ewropea qed juru nuqqas ta' paċenzja rigward ir-regoli tas-suq uniku: il-kompetizzjoni u l-għajnuniet tal-Istat. Iżda dan hu żball! ([1])

1.5.2 F'sitwazzjoni bħal dik tal-lum, il-Kunsill mgħejjun mill-PE u mill-Kummissjoni, għandu jniedi għal "Patt Strateġiku" li jaħseb għal:

— impenn qawwi fir-rigward tas-Suq Uniku, b'mekkaniżmi msaħħa, l-aktar f'dawk is-setturi fejn għad hemm in-nuqqasijiet ([2]);

([1]) .Is-Sur Mario Monti, li kien il-Kummissarju dwar il-Kompetizzjoni, wera t-tħassib tiegħu dwar is-sopravivenza tal-mudell Ewropew, li huwa msejjes fuq is-Suq Uniku (artikolu li deher fil-ġurnal *Il Corriere della Sera* tal-10 ta' Mejju 2009).

([2]) Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki; It-tassazzjoni fuq id-dħul mill-kapital; Il-konsodilazzjoni, għal raġuni ta' pensjoni, tal-ħidma li wieħed ikun wettaq f'numru ta' pajjiżi barranin eċċ.

— impenn sabiex ikun introdott koordinament fir-rigward tat-tassazzjoni, li jirrispetta s-sovranità tal-Istati, iżda li żżid il-kooperazzjoni dwar xi punti;

— Għal dawk l-Istati "li qed ibatu", tkun maqbula l-possibilità tal-aċċess lejn iż-żona Euro f'perijodu qasir u fir-rispett ta' kundizzjonijiet stabbiliti;

— interventi pubbliċi koordinati, meqjusa, trasparenti u digressivi fiż-żmien, sabiex inaqqsu r-riskji sistematiċi u jgħinu sabiex dawk l-intrapriżi li kapaċi jikkompetu fis-suq liberu jirritornaw malajr għall-ħidma tagħhom.

1.6 Il-messaġġ tal-KESE huwa li ċ-ċittadini, il-forzi soċjali u s-soċjetà ċivili b'mod ġenerali, huma konvinti li l-kriżi qed titlob li jkun hemm Ewropa aktar b'saħħitha, li tkun kapaċi tmur lil hinn mir-rwol limitat tal-Istati b'mod individwali.

1.7 Jeħtieġ li kull Stat ikun mitlub jagħmel sagrifiċċji konkreti, fir-rigward tar-rappreżentanza u tal-viżibilità, sabiex jissaħħaħ ir-rwol globali tal-Ewropa f'dawk l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħha: il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

1.8 Il-KESE huwa konvint li l-ewwel mekkaniżmu li jrid ikun stabbilit hija politika industrijali ta' sustanza li ma tkunx influwenzata mill-għażliet tal-ispekulaturi finanzjarji, u li l-miri tagħha huma l-iżvilupp sostenibbli. L-esperjenza konkreta miksuba fil-qasam tal-politika industrijali, li tmexxiet għal ħamsin sena fuq il-pedamenti tat-Trattat KEFA f'żewġ setturi importanti tal-produzzjoni Ewropea, jeħtieġ li tkun irkuprata, aġġornata skont il-ħtieġa, u emendata sabiex trawwen l-iżvilupp sostenibbli u terġa' tintuża bħala referenza għal dawk l-azzjonijiet futuri ([1]).

1.9 L-Ewropa tista' tissupera l-kriżi u tirkupra l-ekonomija permezz tal-iżvilupp tal-intrapriżi u l-kapaċitajiet tagħhom li jagħtu risposti innovattivi.

1.10 Sabiex ikun hemm strateġija ta' żvilupp, il-partijiet soċjali u s-soċjetà ċivili organizzata b'mod ġenerali, iridu jiżguraw li jkun hemm "Responsabilità Soċjali Territorjali" (SRR) fejn ikunu jistgħu jitwettqu strategiji differenti li jkunu koordinati flimkien.

— **strateġija ta' reżistenza u ta'** sopravivenza, li tagħti ċ-ċans li wieħed jaħdem fis-swieq maturi, permezz ta' speċjalizzazzjoni aħjar fl-istess suq, b'anqas spejjeż, u diversifikazzjoni qawwija fis-setturi li huma kważi l-istess jew permezz ta' soluzzjonijiet ġodda;

— **strateġija tal-innovazzjoni tal-proċess, tal-prodott u tas-servizzi,** permezz ta' swieq u teknoloġiji ġodda, kif ukoll permezz ta' materjal ġdid li jwassal għal prodotti ġodda;

— **inizjattivi ġodda**, billi jkunu stabbiliti forom ġodda ta' intrapriżi, setturi ġodda jew inizjattivi ġodda; huwa meħtieġ li jkunu previsti, permezz ta' eżerċizzju ta' ppjanar bil-quddiem, prodotti ġodda li qed jiżviluppaw (bħalma huma s-swieq ewlenin jew "lead markets") fejn iridu jersqu l-investimenti l-ġodda;

— **kummerċjalizzazzjoni territorjali**, li timmira lejn l-eċċellenza permezz ta' konvenzjonijiet maċ-ċentri tar-riċerka bil-ħsieb li jitrawwem aktar l-użu tat-teknoloġija;

— **sostenn finanzjarju**, permezz ta' finanzjament għall-iżvilupp u l-użu ta' garanziji għas-self mill-Fond Ewropew għall-Investimenti (FEI) ([2]);

— **il-kapitalizzazzjoni tal-kapital ta' riskju tal-konsorzji tal-kreditu**, permezz ta' ftehim bejn l-amministrazzjonijiet u s-sistema bankarja, sabiex jagħtu perijodu itwal għall-ħlas lill-intrapriżi żgħar u mikro, l-aktar sabiex ikunu mħarsa l-livelli tal-impjieg;

— **il-konsolidament tad-dejn fuq perijodu qasir**, li jagħti ċans lill-intrapriżi żgħar u mikro sabiex jikkonċentraw fuq il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll fuq is-servizzi ta' wara l-bejgħ tal-prodotti tagħhom stess;

— **is-sostenn tas-settur terzjarju innovattiv (green economy)**, billi jkunu utilizzati l-opportunitajiet dwar it-taħriġ innovattiv li joffri l-Fond Soċjali Ewropew;

— **l-iżvilupp ta' livell għoli ta' servizzi għall-persuni**, permezz tat-tisħiħ u l-promozzjoni tal-polarità soċjali u medika ([3]);

— **it-twettiq ta' politiki infrastrutturali** li jippermettu għażliet aktar innovattivi lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, jekk mhux ta' kundizzjonijiet li jagħmluha aktar vantaġġjuża li wieħed joqgħod fir-reġjun;

— **it-tisħiħ tal-kriterji tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u ambjentali fil-kuntratti pubbliċi**;

— **il-promozzjoni**, permezz ta' finanzjament, ta' **prodotti ġodda u aktar effiċjenti** minflok dawk qodma;

— **aċċess aħjar għall-informazzjoni;**

— **użu aħjar tal-materja prima.**

([1]) Ara *la piattaforma europea Manufuture* ( www.manufuture.org ) Ara wkoll l-intervistà ma' Étienne Davignon dwar l-implimentazzjoni tal-pjan Davignon (Brussell, l-14 ta'Jannar 2008; www.ena.lu).

([2]) Il-Fond Ewropew tal-Investimenti (FEI), iffinanzjat mill-Bank Ewropew tal-Investimenti (BEI). Ara l-ewwel parti tal-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP), (programm dwar l-innovazzjoni u l-kompettività).

([3]) Ara l-inizjattiva tas-suq ewlieni għall-Ewropa «e-health» (COM (2007) 860) – Artikolu 6.10 hawn taħt.

1.11 It-tqabbil tal-pakketti nazzjonali dwar l-istimulu tal-ekonomiji industrijalizzati, juru l-ħtieġa ta' viżjoni komuni li tħares lejn il-futur min-naħa tal-gvernijiet Ewropej, l-aktar fir-rigward tal-appoġġ lejn l-iżvilupp sostenibbli u lejn ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji, jekk mhux għal koordinament aħjar mal-Kummissjoni Europea. Aktar min hekk, ma nistgħux nibqgħu biss fuq id-diskors. L-Istati Membri jridu jimplimentaw il-pjani tagħhom b'mod effikaċi minħabba li l-kriżi qed tolqot bil-qawwa lill-intrapriżi u lill-ħaddiema.

1.12 Il-KESE jaqbel mal-isforzi li saru fi Praga, nhar is-7 ta'Mejju 2009 fis-summit dwar l-impjiegi, sabiex jinstabu alternattivi li jistgħu jiġu implimentati fuq livell nazzjonali u Ewropew flimkien mal-partijiet socjali, permezz ta' djalogu socjali msaħħaħ ([1]), li jagħti aktar każ lejn il-ħolqien tal-postijiet tax-xogħol u lejn il-miżuri meħtieġa sabiex tkun stimulata d-domanda.

1.13 L-Istrateġija ta' Lisbona trid iżżomm il-kredibilità tagħha u tagħti prova tal-kapaċitajiet tagħha li tadatta ruħha għal din is-sitwazzjoni. Dan billi żżid il-proċess tar-riformi u tistabbilixxi dawk il-prijoritajiet ċari u metodi ġodda, kif ukoll is-semplifikazzjoni mal-miri tal-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli tal-UE, li fix-xhur li ġejjin ikunu jistgħu jistabbilixxu l-istrateġija ta' wara Lisbona.

1.14 Il-gvernijiet Ewropej iridu jimpenjaw ruħhom aktar sabiex iwettqu l-ftehimiet fil-perijodi stabbiliti fil-livell komunitarju.

1.15 L-għajnuniet tal-Istat maħsuba sabiex isostnu l-impjiegi f'dawk l-intrapriżi li ntlaqtu mill-problemi marbuta mal-globalizzazzjoni u l-kreditu jridu jkunu msawra fuq kundizzjonijiet li jiżguraw li:

— dawn l-għajnuniet ma jintużawx sabiex isaħħu il-protezzjoniżmu u ma joħolqux ostakli għall-kompetizzjoni ħielsa;

— l-intrapriżi li jirċievu dawn il-fondi jimpenjaw ruħhom l-aktar sabiex isostnu l-livell tal-impjiegi;

— ikunu rispettati l-ftehimiet kollettivi filwaqt li jinżamm il-poter tal-akkwist tal-ħaddiema;

— matul il-perijodu ridott tal-produzzjoni, il-ħaddiema jkunu jistgħu jibbenefikaw minn taħriġ għal kwalifiki ġodda, u għandhom jingħataw is-sostenn meħtieġ għal dan il-għan;

— is-sostenn finanzjarju pubbliku ma jispiċċax bħala forma ta' self lill-azzjonisti, permezz ta' dividendi jew forom oħra ta' xiri lura ta' azzjonijiet;

— sakemm ikun possibbli, l-għajnuna għandha tippromovi l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u ta' servizzi ġodda, li jħarsu l-ambjent;

— l-għajnuniet ma jservux ta' ostakli għall-kompetizzjoni u jkunu temporanji u digressivi;

— ikun hemm mekkaniżmi adegwati ta' kontroll li jħarsu lil dawk li jikkontribwixxu.

1.16 Bħala risposta soċjali għall-kriżi, il-proposti li ġew adottati s'issa ma kinux biżżejjed. Hemm nuqqas kbir fir-rigward tal-importanza li jinħolqu postijiet tax-xogħol jew miżuri meħtieġa sabiex tiżdied id-domanda (bħalma huma l-pakketti tal-istimulu tat-tassazzjoni aktar koordinati fuq livell Ewropew u politiki konsistenti dwar il-pagi) ([2]).

1.17 Fil-livell tar-regoli, f'dak li huma miżuri temporanji tas-suq tax-xogħol, huwa meħtieġ li jkun żgurat li x-xogħol għal perijodu qasir ikun marbut flimkien ma' taħriġ speċjalizzat, l-aktar fejn tidħol l-indafa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u b'garanziji dwar il-livell l-pagi.

1.18 Il-Kumitat jidhirlu li huwa urġenti u fundamentali għall-futur tal-istess struttura produttiva tal-UE, li jkunu implimentati politiki li jaħsbu sabiex jiggwidaw liż-żgħażagħ lejn id-dixxiplini xjentifiċi u tekniċi, fil-livelli kollha tas-sistema skolastika u ta' formazzjoni, sabiex jagħmlu tajjeb għat-tnaqqis mogħti lill-valur tal-attivitajiet tal-produzzjoni favur dawk finanzjarji u spekulattivi ([3]).

1.19 Sabiex jiffavorixxi ir-rilanċ tal-produttività u s-sostenibbilità tas-setturi industrijali u tas-servizzi Ewropej, il-KESE jidhirlu li huwa meħtieġ li jissaħħaħ l-impenn lejn l-attivitajiet tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp billi jkunu utilizzati mekkaniżmi li diġà għandna, bħalma huma l-FP7 tal-RTŻ u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), filwaqt li jkun introdott orjentament ċar settorjali mibni fuq il-prijoritajiet identifikati mill-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija.

1.20 Il-KESE qed jitlob bil-qawwa azzjoni komunitarja li ssostni s-servizzi tal-intrapriżi, billi jkunu żviluppati servizzi u kontenut innovattivi li jibbenefikaw minnhom iċ-ċittadini, il-konsumaturi, il-ħaddiema u l-intrapriżi, l-aktar fejn tidħol l-internalizzazzjoni u l-esportazzjoni tal-intrapriżi żgħar u medji.

([1]) Ara l-Opinjoni tal-Kumitat dwar "Ir-riżultati tas-Summit dwar l-impjiegi" (KESE 1037/2009), għadha mhux ippublikata fil-ĠU

([2]) Ara l-proposti approvati mill-Kunsill Ewropew ta' Lussemburgu f'Novembru 1997, dwar it-tnaqqis tar-rati tal-VAT dwar servizzi professjonali stabbiliti mill-Istati Membri f'qafas Ewropew.

([3]) Il-mira: ikun żgurat li fl-Istati Membri kollha tal-UE, tal-anqas 50 % tal-istudenti ikomplu jsegwu l-edukazzjoni terzjarja u li tal-anqas 25 % minnhom jagħżlu istitut tekniku tal-inġinerija jew xjentifiku (relazzjonijiet ELECTRA).

1.21 Il-Kumitat jidhirlu li huwa meħtieġ, kif mitlub mill-Presidenza ([1]), li jkunu kkunsidrati mill-ġdid il-kriterji li fuqhom ikunu applikati l-fondi strutturali – l-aktar il-FSE – bil-ħsieb li jkun permess l-aċċess dirett, fuq livell Ewropew, kif ukoll fuq bażi settorjali, b'tali mod li titkompla l-esperjenza tal-KEFA, li wriet li kienet effettiva u li faċilment tapplikaha.

1.22 Fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali, il-KESE jidhirlu li l-konklużjoni, mill-aktar fis possibbli, tan-negozjati multilaterali dwar il-kummerċ (ta' Doha) hija prijorità u tkun qed tagħti sinjal pożittiv lis-swieq internazzjonali, li jkollha effetti importanti fuq il-kriżi li għaddejja bħalissa ([2]): l-UE tista' u hemm bżonn li jkollha kapaċitajiet akbar ta' tmexxija fin-negozjati billi tiżgura li jkollha vuċi waħda sabiex tikseb riżultati ambizzjużi li jkunu jirrispettaw ir-regoli fundamentali tal-ILO f'dak li huma kundizzjonijiet tax-xogħol u ta' xogħol dinjituż, li huma essenzjali għall-futur tat-tkabbir tas-setturi tal-manifattura u tas-servizzi Ewropej.

1.23 Il-prospettiva li tiżdied il-konkorrenza għall-protezzjoniżmu fil-kuntest attwali hija possibilità konkreta u perikoluża. Għaldaqstant huwa essenzjali li l-Kummissjoni tapplika b'konvinzjoni r-regoli dwar id-difiża kummerċjali billi tintervjeni bil-qawwa kontra l-iddampjar u s-sussidji, tikkontesta u tikkuntrasta l-miżuri ta' protezzjoni mhux ġustifikati, u tintensifika d-djalogu mal-imsieħba kummerċjali prinċipali tal-UE sabiex issib soluzzjoni tal-kontroversji kummerċjali.

## 2. **Sfond**

2.1 Is-setturi tal-manifattura u tas-servizzi huma s-sinsla tal-ekonomija tal-kontinent tagħna. Is-suq uniku ippermettielhom żvilupp qawwi skont regoli u standard komuni.

2.2 Dawn is-setturi għandhom sfidi kbar quddiemhom.

— **il-kollass finanzjarju** li laqat bil-kbir u b'sinkroniċità liema bħalha, l-ekonomija globali kollha, immina l-kredibilità u l-fiduċja fis-swieq;

— **id-dimensjoni internazzjonali ġdida tax-xogħol**, bil-ħtieġa li jkun hemm kontrolli u ristrutturar industrijali imposti mis-suq globali ġdid, u li minnu saru jiffurmaw parti, b'mod sħiħ iżda b'anqas restrizzjonijiet, il-kontinenti l-ġodda industrijalizzati;

— **it-tibdil fil-klima u l-ambjent,** bil-ħsieb li jkun hemm titjib fl-użu aktar effiċjenti tal-enerġija u l-immodernizzar taċ-ċikli tal-produzzjoni permezz ta' prodotti ġodda u proċessi li huma mibnija fuq teknoloġiji ġodda, huma meħtieġa għas-saħħa taċ-ċittadini, il-protezzjoni tal-ekosistema u l-iżvilupp sostenibbli;

— **il-kapital tar-riżorsi umana, bil-popolazzjoni li qiegħda dejjem tixjieħ, kif ukoll iċ-ċaqliq kbir migratorju**, jitlob aktar flessibilità u mobilità professjonali kif ukoll proċessi ta' formazzjoni permanenti permezz ta' profili ta' kwalifikazzjoni ogħla, sabiex jiżguraw kwalità aħjar tal-għajxien u tax-xogħol;

— **in-nuqqasijiet tal-governanza**, fuq livell dinji u Ewropew, l-inkompetenza tal-istituzzjonijiet, kif ukoll ta' kapaċitajiet li jittieħdu d-deċiżjonijiet u ta' regoli, kif turi s-sistema monetarja internazzjonali attwali u l-kriżi fir-rigward tal-proġett Ewropew;

— **id-disparitajiet reġjonali** li qed ikomplu jikbru bejn ir-reġjuni fl-Unjoni Ewropea;

— **it-tnaqqis tar-riżorsi disponibbli**, kemm fuq livell ta' bilanċ pubbliku kif ukoll fil-livell tal-bilanċi tal-intrapriża, li qed jirriskjaw li ma jkunux kapaċi jsostnu b'mod adegwat ir-riformi meħtieġa sabiex ikun hemm ir-rilanċ tal-ekonomija u tal-impjiegi.

2.3 Ir-riċessjoni dinjija attwali tista' tikkomprometti l-isforzi li qed jagħmlu s-setturi sabiex:

— jadegwaw ruħhom għad-dimensjoni internazzjonali ġdida tax-xogħol;

— jipproteġu l-ekosistema u l-iżvilupp sostenibbli;

— jorjentaw ruħhom lejn proċessi u prodotti b'teknoloġija ġdida;

— iżidu u jtejbu l-impjiegi, permezz ta' profili u professjonalità ogħla.

2.4 Għall-intrapriżi, il-kriżijiet attwali mhumiex biss sfida sabiex jibqgħu jeżistu, iżda wkoll opportunità kbira ta' żvilupp u innovazzjoni. Madankollu, l-intrapriża ma tridx titħalla weħidha: jeħtieġ li tkunu inkoraġġita l-intaprenditorija u l-ħolqien tal-postijiet tax-xogħol permezz tal-implimentazzjoni mill-aktar fis tar-riformi meħtieġa sabiex jitjieb l-ambjent li fih joperaw l-intrapriżi, jitnaqqsu l-piżijiet amministrativi bla bżonn, iż-żamma u t-titjib tas-suq intern, ikun inkoraġġit il-kapital ta' riskju, ikunu stimulati l-innovazzjoni u l-miżuri tal-flessigurtà, anqas leġiżlazzjoni u ta' kwalità aħjar, filwaqt li jkun hemm investiment fir-relazzjonijiet bejn id-dinja akkademika, tax-xjenza u dik tal-intrapenditorija, fl-edukazzjoni u fil-formazzjoni tar-riżorsi umani, l-aktar fid-dixxiplini tekniċi u tax-xjenza u fl-iżvilupp tas-swieq ewlenin.

([1]) Ittra mibgħuta mill-President Sepi lill-President Barroso għas-summit Ewropew fi Praga.
([2]) Opinjoni "In-negozjati dwar il-ftehimiet il-ġodda tal-kummerċ - Il-pożizzjoni tal-KESE", ĠU C 211, 19.8.2008, p.82-89 u l-opinjoni dwar "Id-dimensjoni esterna tal-istrateġija ta' Lisbona mġedda" (għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU).

2.5 Il-KESE jrid jisħaq fuq l-importanza li toħroġ fid-deher is-sitwazzjoni attwali kif ukoll il-prospettivi tal-futur fis-setturi prinċipali tal-manifattura, tas-servizzi u b'mod partikulari tat-turiżmu, filwaqt li jingħata każ tal-aspetti fundamentali li huma marbuta mal-materja.

— **Id-dimensjoni internazzjonali:** Il-kriżi żviluppat fuq binarji internazzjonali li huma marbutin flimkien, u li setgħu jagħmlu użu minn mekkaniżmi innovattivi li jmorru lil hinn mill-poter tar-regolamentazzjoni u tal-kontroll tas-swieq b'mod individwali u tas-swieq internazzjonali fit-totalità tagħhom. Hija marret lil hinn mill-proċess ta' aġġustament min-naħa tal-Ewropa lejn xenarju bażi dinji fejn il-pajjiżi tal-BRICS ([1]) ser jilħqu u x'aktarx jaqbżu l-kwota ta' 30 % tal-PDG dinji sas-sena 2020.

— **Id-dimensjoni istituzzjonali:** il-mekkaniżmi istituzzjonali nazzjonali, reġjonali u internazzjonali tal-governanza wrew li ma kinux kapaċi jindikaw, b'mod preventiv, il-problemi; sabiex jidentifikaw minn qabel il-mezzi u l-mekkaniżmi li setgħu jrażżnu l-effett ta' domino li kien hemm fuq l-ekonomiji reġjonali u nazzjonali b'mod individuali. kif ukoll sabiex jiżviluppaw rimedji li setgħu jillimitaw id-danni.

— **Id-dimensjoni soċjali:** f'Marzu tal-2009, ir-rata tal-qgħad laħqet it-8.9 % (7.2 % f'Marzu tal-2008) fiż-żona Euro u 8.3 % (6.7 % f'Marzu tal-2008) fl-UE-27 filwaqt li r-rata tal-qgħad taż-żgħażagħ li għandhom anqas minn 25 sena kienet ta' 18.1 % fiż-żona Euro u 18.3 % fl-UE-27 ([2]).

— **Id-dimensjoni tal-ekonomija reali:** fl-UE-27 it-tnaqqis tal-produzzjoni tal-manifattura, f'Diċembru tal-2008, kien ta' 12.8 % meta mqabbel mal-istess xahar fl-2007, filwaqt li dak tal-bini kien ta' 6.7 %. L-iskambju fi ħdan il-komunità naqas bi 13.7 % u l-esportazzjoni komunitarja fis-settur tal-manifattura naqas b'5.8 % ([3]). It-tnaqqis fil-produzzjoni laqat b'mod partikulari, is-setturi tal-kimika u tat-tessuti, tal-vetturi bil-mutur, tal-metall (bi tnaqqis kbir fl-esportazzjoni f'settur bħal dak tal-karozzi), il-prodotti kimiċi, it-telekomunikazzjoni, il-qasam tar-radju u t-televixin u – f'dak li huma servizzi – fit-turiżmu ([4]).

— **Id-dimensjoni ambjentali**: l-użu effiċjenti tal-enerġija, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-użu sostenibbli tar-riżorsi huma sfidi li ma jistgħux ikunu differiti minħabba s-salvagwardja u l-iżvilupp tal-pjaneta. B'mod partikulari għall-Ewropa, is-saħħa taċ-ċittadini tagħha, il-protezzjoni tal-ekosistema u l-ekonomija b'mod ħolistiku, jista' jkollhom effetti importanti fuq il-kompettività tagħha, l-aktar f'qafas ta' regoli trasparenti, stabbli u armonizzati.

## 3. Id-dimensjoni internazzjonali

3.1 Fl-Istati Uniti tal-Amerika, il-PGD naqas b'1 % fl-ewwel tliet xhur tas-sena 2008, wara tnaqqis ta' 0.1 % fit-tliet xhur ta' qabel. Il-PGD tal-Ġappun naqas bi 3.3 % wara tnaqqis ta' 0.6 % fit-tliet xhur ta' qabel. Il-PGD taż-żona Euro naqas b'1.5 % wara tnaqqis ta' 0.2 % fit-tliet xhur ta' qabel ([5]).

3.2 Ir-rata tal-qgħad qed tiżdied b'mod mgħaġġel u skont l-OECD, ser tilħaq ir-rata ta' madwar 12 % sal-aħħar tal-2010. Fl-istess ħin, is-salarji mhux qed jiżdiedu bl-istess rata jew qed jibqgħu l-istess.

3.3 Kif enfasizzat mill-Kummissjoni ([6]): "sakemm dan is-self jibqa' skars, l-isforzi biex jiżdiedu d-domanda u l-fiduċja tal-konsumatur mhux se jagħtu frott. (…) Din hija kriżi globali, u r-rilanċ mhux ser iseħħ għal kollox qabel ma l-atturi prinċipali tal-ekonomija dinjija ma jerġgħux lura fit-triq tat-tkabbir u tal-kummerċ bejniethom".

3.4 Tal-istess fehma hija l-Konfederazzjoni Ewropea tat-trade unions (KETU): "Is-sitwazzjoni ekonomika x'aktarx ser tkompli tmur lura, u titjieb biss jekk il-mod tal-ħsieb jinbidel b'mod radikali: lil hinn mill-ħsieb li jagħti s-serħan tal-moħħ, li iżda mhuwiex realistiku, tal-"inkomplu bħas-soltu", għandna bżonn ta' realtà ġdida ekonomika, mibnija fuq il-persuni, fuq l-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli. Għandna bżonn ukoll ta' evalwazzjoni mill-ġdid tar-rwol tal-gvern:

— fir-rigward tar-rwol regolatorju tas-swieq;

— fir-rigward tas-servizz pubbliku;

— fil-ġlieda kontra d-diżugwaljanzi tas-salarji" ([7]).

3.5 Fl-okkażjoni tal-G-20 ġewwa Londra fit-18 ta'Marzu 2009, il-konfederazzjoni tan-Negozji Ewropej (BUSINESSEUROPE) enfasizzat kif "il-kriżi finanzjarja qed tħalli impatt kbir fuq l-intrapriżi, fil-mument li l-muturi prinċipali tat-tkabbir intlaqtu minn restrizzjonijiet ta' aċċess għall-finanzi. (...) Hemm bżonn ta' stimulu ekonomiku sabiex ikun evitat il-kollass globali" ([8]).

## 4. Id-dimensjoni istituzzjonali

4.1 Qed jiżviluppa kunsens aktar wiesgħa u konverġenza aktar varjata ta' forzi, sabiex jiġu mnedija miżuri eċċezzjonali u risposti politiki li jilqgħu għal din l-emerġenza, bil-ħsieb li dawn jipproteġu l-intrapriżi, is-setturi tal-manifattura, l-attivitajiet produttivi u tas-servizzi, l-impjiegi, id-dħul u l-konsum tal-familji, ikun xi jkun il-każ u lil hinn mir-regoli attwali.

([1]) BRICS: il-Brażil, ir-Russja, l-Indja u ċ-Ċina.
([2]) Statistika EUROSTAT – 30 t'April 2009.
([3]) SEG(2009) 353.
([4]) UNWTO *World Tourism Barometer* volum 7 numru. 2 – Ġunju 2009.

([5]) Fl-ewwel tliet xhur tal-2009 naqas bi 2.5 % meta mqabbel mal-perijodu ta' qabel. F'Mejju tal-2009, il-produzzjoni industrijali tal-UE naqset bi 15.9 % meta mqabbla mas-sena ta' qabel (16.8 % fis-settur tal-manifattura) – Ara SEG(2009) 1088 – 20 ta' Lulju 2009.
([6]) COM(2009) 114.
([7]) Ara s-sinteżi tar-riżoluzzjoni tal-KETU dwar il-Pjan għall-Irkupru Ewropew (5 ta'Diċembru 2008; http://www.etuc.org/).
([8]) Ara n-nota tal-BUSINESS EUROPE tas-17 ta' Marzu 2009 bħala preparazzjoni għall-Business Event tal-G-20 (18 ta' Marzu 2009; http://www.businesseurope.eu/).

4.2 Il-politika maħsuba sabiex tillimita l-konsegwenzi ekonomiki, tal-impjiegi u dawk soċjali tal-kriżi, u titfa' fuq il-ġirien il-kunflitti interni, mhux biss mhijiex is-soluzzjoni tal-problema, iżda hemm iċ-ċans li twassal l-ekonomiji lejn sentimenti ta' nazzjonaliżmu u protezzjoniżmu li jġibu fix-xejn il-qafas ta' kooperazzjoni internazzjonali u tal-integrazzjoni reġjonali li nbena b'ħafna sagrifiċċji fl-Ewropa u fid-dinja f'dawn l-aħħar snin.

4.3 Il-KESE jidhirlu li l-azzjonijiet li ġejjin huma fundamentali u indispensabbli għal kull intervent li jkun maħsub sabiex jilqa' għall-kriżi attwali:

— **jitnieda** qafas ġdid ta' kooperazzjoni internazzjonali u dinjija, mibni fuq regoli trasparenti, li jkunu kapaċi jeliminaw il-problema, anke dawk li ma jidhrux fis-sistema ekonomika, monetarja u finanzjarja internazzjonali, filwaqt li tinżamm il-libertà sħiħa fl-iskambju tal-kummerċ internazzjonali;

— jiġu **studjati** mingħajr dewmien il-possibilitajiet ta' kuntratt soċjali ġdid mas-settur finanzjarju, riregolazzjoni qawwija u sorveljanza aħjar tas-suq finanzjarju internazzjonali, kif ukoll kontroll pubbliku aħjar fuq il-pakketti tal-inċentivi, sabiex ikun żgurat li s-sostenn finanzjarju jasal għand il-ħaddiema, il-konsumaturi u l-intrapriżi filwaqt li jkun salvagwardat il-kummerċ internazzjonali ħieles;

— **iż-żamma** tal-prinċipji tal-UE, fir-rigward ta':

  — l-uniċità tas-suq Ewropew;

  — il-moviment liberu tal-persuni, tal-merkanzija, tal-kapital u tas-servizzi;

  — l-iżvilupp u l-applikazzjoni sħiħa tal-politiki komuni, b'mod partikulari tal-politika tal-kompetizzjoni;

  — l-intrapriża ħielsa u l-ħarsien tal-mudell soċjali Ewropew;

— ikunu **implimentati** interventi pubbliċi koordinati, meqjusa, trasparenti u digressivi fiż-żmien, sabiex jonqsu r-riskji sistematiċi;

— tkun **imħarsa** u mtejba il-kompettività u l-konsistenza tas-setturi tal-manifattura u tas-servizzi Ewropej;

— **tissaħħaħ** l-ekonomija tal-għarfien;

— **titjieb** il-kompetenza tar-riżorsi umani u dawk tal-ġestjoni;

— ikunu **kkwalifikati** l-prodotti u l-proċessi li jirrispettaw l-ambjent, l-użu effiċjenti tal-enerġija kif ukoll l-użu ta' materjal u jkunu stabbiliti kundizzjonijiet li jirregolaw iċ-ċirkolazzjoni tagħhom fis-suq;

— **is-sostenn** tal-iżvilupp tar-Reġjun Soċjalment Responsabbli (SRR);

— **ma jiżdidux** il-piżijiet amministrattivi u regolatorji għall-intrapriżi Ewropej;

— **l-iżvilupp** ta'approċċ koordinat skont l-IPR ([1]);

— **ikun faċilitat l-aċċess għall-kreditu, l-aktar għall-intrapriżi żgħar u medji.**

4.4 Il-KESE huwa konvint li l-kriżi attwali għandha twassal sabiex ikun hemm qabża istituzzjonali lejn integrazzjoni ekonomika akbar, li tħares lejn l-iżvilupp ta' ' ekonomija ta' kwalità, jekk mhux lejn aktar impjiegi u ta' kwalità aħjar.

4.5 Madankollu, il-KESE jidhirlu li huwa aktar meħtieġ li jkun hemm qabża fil-kwalità lejn integrazzjoni politika akbar tal-kontinent, minħabba li din hija meqjusa bħala l-uniku soluzzjoni li kapaċi toħloq kompromess bejn li jingħata l-ġenb l-egoiżmu u l-prijoritajiet nazzjonali, lejn futur komuni.

4.6 Il-KESE huwa konvint li jekk ikun hemm it-tiġdid tal-proġett Ewropew fl-ispirtu li nissel Jean Monnet waqt it-tnedija u l-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Pariġi li wassal għall-KEFA, ikun possibbli li jinbnew mill-ġdid il-pedamenti għar-rilanċ tal-ekonomija Europea.

4.7 Jeħtieġ li mill-aktar fis ngħaddu għall-perfezzjonament tar-ratifiki tat-Trattat ta' Lisbona, sabiex niżguraw li l-istruttura Europea tkun kapaċi tirrispondi permezz ta' politiki aktar koordinati.

## 5. Id-dimensjoni soċjali tal-kriżi: l-impatt fuq il-ħaddiema, l-intrapriżi u l-familji

5.1 F'dawn l-aħħar xhur assistejna għal żieda qawwija ta' ristrutturar tal-ażjendi. Ħafna intrapriżi bdew jimplimentaw skemi ta' sensji, li ġabu magħhom konsegwenzi soċjali kbar, għall-futur taż-żgħażagħ ukoll ([2]). Oħrajn iddikjaraw falliment.

([1]) IPR – International Product Regulations.
([2]) Fl-UE-27, ir-rata tal-qgħad fis-settur taż-żgħażagħ laħqet it-18.3 % fl-ewwel tliet xhur tal-2009. B'5 miljun żgħażugħ bla xogħol – EUROSTAT 23 ta' Lulju 2009.

5.2 Il-KESE huwa konvint li r-riżorsi umani ser ikunu ċ-ċavetta lejn ir-rilanċ tal-kompettività tal-UE, kemm f'dawk li huma kapaċitajiet u kwalifiki tal-ħaddiema kif ukoll fir-rigward tal-mudell ġdid ta' governanza maniġerjali.

5.3 Għall-KESE, l-investiment fil-ħaddiema u l-protezzjoni tal-impjiegi huma essenzjali sabiex tkun promossa l-kompettività industrijali Ewropea, kemm f'dawk li huma kompetenzi tan-nies tax-xogħol, kif ukoll tal-mudell il-ġdid dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji ([1]).

5.4 Meta jkun ikkunsidrat il-kobor tal-kriżi, l-iskemi ta' formazzjoni / impjieg fir-rigward tas-setturi li qegħdin jiżviluppaw, bħalma huma dawk tal-enerġija rinnovabbli, għandhom jitpoġġew kemm jista' jkun malajr għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema li spiċċaw vittmi tar-riċessjoni.

5.5 Għandhom ikunu kkunsidrati miżuri ta' 'sostenn lejn il-konsum tal-familji sabiex tkun xprunata d-domanda ([2]).

## 6. Id-dimensjoni tal-ekonomija reali: ir-rilanċtas-setturi tal-manifattur u tas-servizzi

6.1 **Id-deindustrijalizzazzjoni.** Forsi f'dawn l-aħħar snin, l-aktar fil-bidu ta' dan is-seklu, il-Kummissjoni u ħafna Stati Membri taw anqas importanza għall-iżvilupp tal-politika industrijali u tal-manifattura, sabiex jagħtu aktar importanza lill-ġid li kien ġej mill-ħolqien ta' sistemi finanzjarji kumplessi, li kienu sostnuti l-aktar minn mudelli li kellhom provenjenza mill-Amerika ta' Fuq.

6.2 Fl-2005 bħala direzzjoni ġdida fil-politika integrata industrijali Ewropea, l-UE adottat taħlita ta' inizjattivi settorjali u orizzontali, li kienet segwita minn reviżjoni f'nofs it-terminu fl-2007, bħala kontribut lejn l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Impjiegi tal-UE ([3]). Fl-2008, l-UE nediet pjan ta' azzjoni dwar il-politika industrijali sostenibbli ([4]), li dwaru l-KESE diġà kellu ċ-ċans jesprimi ruħu ([5]).

6.3 Iċ-ċentralità tal-intrapriżi responsabbli soċjalment u kompetittivi, tal-intrapriżi bl-ekonomija soċjali u tax-xogħol dejjem aktar kwalifikati u parteċipattivi għandhom ikunu l-punt ta' riferiment għall-politiki tar-rilanċ fis-setturi tal-manifattura u tas-servizzi.

6.4 L-Istrateġija ta' Lisbona għandha żżomm il-kredibilità tagħha. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jridu juru li huma kapaċi jadattaw il-politiki tagħhom f'dan ix-xenarju l-ġdid, billi jindikaw prijoritajiet ċari u metodi ġodda li jippermettu li tkun definita l-istrateġija ta' wara Lisbona fix-xhur li ġejjin. Jeħtieġ li jiżdied ir-ritmu tar-riformi, billi jinstabu prijoritajiet ċari, puntwali, u li jistgħu jkunu implimentati u verifikati.

6.5 Skont il-KESE, l-iżvilupp tas-setturi tal-manifattura Ewropea u tas-servizzi irid isir permezz ta' titjib fil-proċess u tal-prodott. Il-KESE jitlob mill-UE azzjoni qawwija f'dan ir-rigward.

6.6 Għall-KESE, din l-istrateġija industrijali tridtinkludi:

— **investimenti kbar f'binjiet ġodda u biex binjiet li jeżistu jkunu konvertiti sabiex isiru sostenibbli**, bħalma huma l-binjiet pubbliċi u l-binjiet industrijali ([6]), bl-użu ta' materjal b'livell baxx ta' trasmittanza (transmission) bħall-ħġieġ u ċ-ċeramika, sabiex jonqos il-konsum;

— **investimenti kbar sabiex ikun sostnut l-użu effiċjenti tal-enerġija**, iż-żieda fil-kapaċitajiet li jiġġeneraw enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-iżvilupp ta' teknoloġiji għall-ġabra u l-ħażna tas-$CO_2$;

— **investimenti fi skemi ta' trasport li għandhom impatt baxx**, bħalma hija l-*European Green Car Initiative* kif proposta mill-Kummissjoni ([7]), permess ta' aktar produzzjoni fil-livell lokali kif ukoll ġestjoni aħjar tal-iskart;

— **aċċess akbar tas-setturi tal-manifattura lejn il-fondi għall-investiment**, sostnuti mill-gvern sabiex jassistu l-innovazzjoni u l-proġettazzjoni ta' teknoloġiji u proċessi nodfa fis-setturi tal-karozzi u dak tal-metall, sabiex terġa' tinkiseb u tissaħħaħ l-inizjattiva tal-fabbriki tal-futur kif proposta mill-Kummissjoni ([8]);

— **l-ixprunament tal-infrastrutturi materjali u immaterjali tan-netwerk** fuq livell Ewropew, b'mod partikulari it-tixrid tat-teknoloġiji tal-informazzjoni broadband, bit-tisħiħ tal-inizjattiva EU i2010, jiġifieri l-investiment fit-tagħmir u l-infrastrutturi intelliġenti sabiex jiffavorixxu l-integrazzjoni tal-UE wara t-tkabbir.

([1]) Dan ser ikun ħafna aktar diffiċli minħabba li jrid ikun ikkunsidrat ukoll l-effett tar-rabta bejn ir-riskju / is-self, previst mill-ftehim ta' Basel II dwar l-intrapriżi żgħar u medji. Jeħtieġ li jkunu adottati numru ta'dispożizzjonijiet fil-livell tal-UE sabiex jilqgħu għal dawn l-effetti.
([2]) Ara l-indikatur tal-"consumer confidence" (grafika 6), "Business & Consumer Survey Results", DĠ ECFIN, Ġunju 2009.
([3]) KUMM(2007) 374.
([4]) KUMM(2008) 397.
([5]) Ara l-opinjoni dwar "il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli", ĠU C 218, 11.9.2009, p.46-49.
([6]) Ir-rapport dwar ix-xogħol, 2008–09, il-Kunsill tal-EPSO, 9 ta' Marzu 2009.
([7]) Ara. KUMM(2008) 800 (Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku).
([8]) ibid.

6.7 Jeħtieġ li tkun affrontata s-sitwazzjoni partikulari tal-intrapriżi żgħar u medji fir-rigward tan-nuqqas ta' aċċess għall-kreditu u s-self. Bħalissa, l-fondi li huma ddedikati għall-intrapriżi żgħar u medji mhux qed jilħqu l-għanijiet tagħhom.

6.8 L-Att dwar in-negozji ż-żgħar, li dwaru l-Kumitat kellu ċ-ċans jesprimi ruħu ([1]), "ma jindirizzax biżżejjed din il-kwistjoni, speċjalment fil-kuntest tad-diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji attwali", minħabba li m'għandux ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa. Madankollu huwa importanti li fl-Istati Membri huwa jiġi implimentat b'mod sħiħ, puntwali u sistematiku.

6.9 Ta' importanza akbar mis-sitwazzjoni attwali, lil hinn mill-aċċess għall-kreditu, kif diġà ripetut diversi drabi mill-Kumitat, huma:

— l-adozzjoni tal-Istatut tal-Kumpanija Privata Europea, li huwa l-aktar importanti għall-intrapriżi żgħar u medji ([2]), fir-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema;

— ir-reviżjoni tad-direttiva komunitarja dwar id-dewmien fil-pagamenti;

— il-promozzjoni tar-rwol tad-distretti bħala mutur tal-iżvilupp fit-territorju, permezz tal-istituzzjoni "tad-distretti produttivi funzjonali" fuq livell Ewropew, li huma l-aktar utli għas-setturi tal-manifattura u tas-servizzi;

— jitnedew inizjattivi komunitarji ta' konsulenza (mentoring) għall-intrapriżi żgħar u medji ġodda u tan-negozji li jkunu għadhom kemm jifthu, sabiex tiżdied il-possibilità li huma jirnexxu kif ukoll l-aċċess tagħhom lejn is-swieq internazzjonali;

— Il-livelli tar-riskju fis-setturi jkunu sorveljati kontinwament sabiex jevitaw li jkun hemm falliment tas-suq u jkunu żviluppati metodi pożittivi li jantiċipaw l-iżvilupp.

6.10 Fir-rigward tas-setturi partikulari, il-Kummissjoni kienet diġà identifikat, wara konsultazzjoni pubblika wiesgħa, numru ta' setturi tal-manifattura fejn kellu jkun hemm intervent sabiex jistimula u jagħti l-ħajja mill-ġdid. Kienu identifikati sitt swieq għall-fażi tal-bidu tal-inizjattiva "swieq ewlenin" ([3]):

— is-saħħa elettronika;

— it-tessuti protettivi;

— il-kostruzzjoni sostenibbli;

— ir-riċiklaġġ;

— il-bijoprodotti;

— l-enerġiji rinnovabbli.

6.11 Il-metodu użat mill-Kummissjoni, għandu jkun imġedded għal setturi oħra. Għaldaqstant, għandhom ikunu individwati s-setturi fejn azzjoni koordinata permezz ta' mekkaniżmi ta' politika u kundizzjonijiet ta' qafas ewlenin, kif ukoll kooperazzjoni msaħħa fost il-partijiet l-aktar interessati, ikunu f'pożizzjoni li jżidu l-iżvilupp tas-suq mingħajr ma jostakolaw id-dinamika kompetittiva ([4]). L-istess għandu jingħad għall-iżvilupp tal-industrija tad-difiża Europea, li għandha tifforma parti minn politika Ewropea aktar koordinata, wara l-ħolqien tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u l-progress li sar fir-rigward tas-sigurtà komuni ([5]).

6.12 Sabiex il-politika industrijali Ewropea ssir aktar effettiva, jeħtieġ li nikkunsidraw il-kuntest speċifiku ta' kull settur b'mod individwali: minn dak tal-vetturi bil-mutur (karozzi, trakkijiet u muturi ([6]) għal dak tas-settur tal-kimika, is-settur navali, is-settur tal-faħam u l-azzar, il-kostruzzjoni, it-tessuti u l-ilbies, is-settur agroalimentari, tal-metall u l-elettromekkanika, is-settur ajruspazjali, tal-informatika u t-telekomunikazzjoni, is-settur tal-enerġija, tas-saħħa eċċ.

6.13 Sabiex tkun sostnuta wkoll l-introduzzjoni tal-innovazzjoni, il-KESE jidhirlu li huwa essenzjali li jiżviluppa aktar il-mekkaniżmi l-ġodda tal-politika industrijali, bħalma huma l-inizjattivi konġunti fit-teknoloġija, il-kuntratti pubbliċi innovattivi u l-pjan ta' azzjoni għall-produzzjoni u l-konsum sostenibbli.

6.14 Il-KESE jidhirlu li fis-setturi tas-servizzi wkoll jeħtieġ li tkun mgħaġġla l-liberalizzazzjoni, l-aktar fir-rigward tas-servizzi tal-professjonijiet liberi u tar-restrizzjonijiet li għad hemm fir-rigward tat-tariffi u n-numerus clausus.

6.15 Il-KESE qed jitlob bil-qawwa li jkun hemm azzjoni Komunitarja sabiex tagħti sostenn lis-settur tas-servizzi għall-intrapriżi, li jiżviluppaw servizzi u materjal innovattiv li jkunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadin, il-konsumaturi u l-intrapriżi, billi jkun hemm tranżizzjoni aktar mgħaġġla lejn is-sistema diġitali u t-tixrid tal-broadband, filwaqt li jkunu eliminati l-ostakli għall-gvern elettroniku u t-tħaddim flimkien tas-sistemi.

6.16 Skont il-KESE, il-politika komuni esterna jeħtieġ li tkun imsaħħa u ssir aktar rigoruża fir-rigward tar-relazzjonijiet mal-bqija tad-dinja.

([1]) Opinjoni CESE 38/2009 tal-25 ta' Frar 2009 (għadha mhux ippubblikata fil-ĠU).
([2]) Ara l-opinjoni tal-Kumitat dwar "L-aċċess ta' l-SMEs għal statut tal-liġi Ewropea" (ĠU C 125, 27.5.2002, p. 100).
([3]) KUMM(2007) 860.
([4]) Il-Kunsill dwar il-kompettività: Il-konklużjonijiet tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar il-politika ta' innovazzjoni u l-kompetittività.
([5]) Ara l-opinjoniet dwar "it-Trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża" u dwar "id-Difiża Ewropea" (pubblikati fil-ĠU C 100, 30.4.2009, p. 109, u ĠU C 10, 14.1.2004, p. 1 rispettivament).
([6]) Fir-rigward tas-settur tal-muturi tal-UE, dan għandu jkun jista' jibbenifika minn sistema ta' sostenn u ta' inċentivi tal-Istati Membri, l-istess bħal dik attwata fis-settur tal-karozzi, minħabba li dan is-settur intlaqat bl-istess mod bħal dak tal-karozzi mill-kriżi ekonomika attwali.

## 7. **Id-dimensjoni tas-sostennibilità tal-iżvilupp**

7.1 Il-KESE sostna ([1]) u għadu jsostni l-inizjattivi għall-iżvilupp tal-politiki dwar l-estrazzjoni, il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, li jkunu integrati għal kollox mal-politiki Komunitarji l-oħra, sabiex l-isfidi potenzjali jinbidlu f'opportunitajiet kompetittivi.

7.2 Il-KESE huwa konvint li l-azzjoni tal-UE trid tkompli tiġi indirizzata lejn miri ambizzjużi, mgħejjuna minn mekkaniżmi leġiżlattivi u finanzjarji li ma jippenalizzawx il-kompettività tal-Ewropa, billi jispiċċaw bħala piz fuq l-intrapriżi u ċ-ċittadini, iżda li jagħtu sostenn lill-prattiki virtwużi, il-proċessi innovattivi u t-titjib teknoloġiku.

7.3 Il-KESE jsostni l-importanza li jinħolqu dawk l-opportunitajiet li jagħmluha possibbli li tinkiseb it-tmexxija internazzjonali fejn jidħol l-użu effiċjenti tal-enerġija, iż-żieda fil-kapaċità li tipproduċi enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jiġbru d-diossidu tal-karbonju.

Brussell, l-1 ta' Ottubru 2009.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Mario SEPI

---

([1]) Opinjoni tal-Kumitat dwar "Produzzjoni ekoloġika" (ĠU C 224, 30.8.2008, p. 1).